MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 106/2004

**U.C.I.M. Co. Ltd. (C 507)**

**vs**

**Woodline Limited (C 15003)**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, sitt mija u sebgha u tletin lira Maltin (Lm3,637) rapprezentanti import ta' sittax-il (16) kambjala, wahda ta' Lm187 (bilanc) u hmistax ta' Lm230-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru 2002 sa' Frar 2004 rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 16 konsekuttivament u rispettivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' Frar 2004 jamontaw ghal Lm217, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult legali (Lm6) kontra s-socjeta' konvenuta li r-

rapprezentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li biha rriduciet it-talba ghas-somma ta’ elfejn, tmien mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm2865).

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-31 ta’ Mejju, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici kif ridotta u cioe’ s-somma ta’ elfejn, tmien mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm2865) bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------